MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 761/2004

**Joseph Zammit**

**Vs**

**Joseph Fenech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti risarciment ta' danni sofferti b'konsegwenza ta' ncident awtomobilistiku li gara fil-Kalkara fid-9 ta' Dicembru, 2003 meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura GAN 304 u habat mal-vettura JAM 309 proprjeta' ta' l-attur misjuqa minnu liema kollizjoni qieghed jigi allegat li grat unikament b'responsabbilta' ghall-konvenut minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li l-kollizjoni sehhet b'tort ta' l-attur stess li kien qieghed jissurpassa

b’velocita’ qawwija vicin ta’ nkrocju u qasam fuq in-naha l-hazina tat-triq.

Ra d-dokumenti esebiti fl-atti.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attur u ta’ PS 1032 John Debattista.

Ra l-verbal tal-14 ta’ Dicembru, 2004 li biha l-avukat tal-konvenut iddikjara li l-konvenut ma kienx se jixhed u kien qed jistrieh fuq il-verzjoni tal-kollizjoni kif inghatat lis-Surgent li nvestiga l-incident.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Mark Mifsud Cutajar ghall-attur u Dr Richard Galea Debono ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenut kien qieghed isuq vann numru GAN 304 fil-*by-pass* tal-Kalkara bl-isem Triq il-Missjoni Taljana, u kif wasal fejn l-inkrocju ma’ Triq Luqata huwa gibed ghan-naha tal-lemin biex jidhol go din it-triq.

Meta l-konvenut ghamel din il-manuvra huwa ma tax preavviz u lanqas ma xeghel *indicator*.

F’dak il-mument l-attur kien qieghed isuq il-karozza JAM 309, miexi distanza wara l-imsemmija vann u billi huwa nnota li l-vann kien miexi bil-mod, ghamel manuvra biex jissurpassah izda stante li l-vann gibed ‘il barra, l-attur gibed aktar ‘il barra w anki ghafas il-*brake*. Iz-zewg vetturi habtu kif jidher mill-i*sketch* esebita a fol 29 tal-process. L-attur halla sittax-il metru *brake mark*.

Il-kollizjoni sehhet ftit qabel it-8.00a.m u l-entita’ tad-daqqa kienet *slight*. M’hemm l-ebda rimarki dwar il-kondizzjoni tat-temp.

Fit-triq in kwistjoni hemm sinjali ma’ l-art f’nofs it-triq li jiddividu l-karreggjati opposti. Hemm parti minnhom ma tistax taqsam minn fuqhom u partijiet ohra li m’humiex kontinwi li jaghtu ndikazzjoni minfejn wiehed ghandu jaqsam ghal Triq il-Luqata.

L-attur xehed illi fil-mument tal-habta huwa kien qieghed isuq bi *speed* ta' sittin kilometru fis-siegha. Dan jikkombacja sew mal-*brake mark* ta' sittax-il metru.

Sewqan tal-Konvenut

Illi fir-rigward tas-sewqan, da parti tal-konvenut, huwa maghruf illi fil-materja, jekk wiehed bi hsiebu li jaghmel manuvra ta' *turning to the right*, ghandu jaghti preavviz xieraq biex b'hekk it-traffiku li hemm warajh ikun jista' jinduna li bi hsiebu jaghmel tali manuvra. Il-konvenut, meta ta l-verzjoni ta' kif gara l-incident, kien ammetta mas-Surgent li ma kienx ta preavviz tal-manuvra li kien bi hsiebu jintenta u ghaldaqstant, ghalkemm il-konvenut kien miexi bil-mod, xorta wahda ghandu jerfa' ftit mir-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni billi ma tax il-preavviz rikjest minnu skond il-ligi.
Sewqan ta' l-Attur

Nigu issa ghas-sewqan ta' l-attur. Fir-rigward ta' manuvra ta' *overtaking* huwa stabbilit billi meta wiehed jaghmel tali manuvra, qabel ma jintentaha ghandu jaccerta ruhu li jista' jaghmilha minghajr periklu. Kif jghid l-Artikolu 181 tal-Highway Code:

"Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or to others."

Inoltre jkompli l-istess Highway Code fl-Artikolu 184 li jenfasizza:

"Do not overtake at or when approaching …………………
(ii) A road junction;
(iii) A sharp corner or bend."

Inoltre l-Artikolu 183 jiddisponi:

**"183.** Before overtaking, give the appropriate signal, make certain that the vehicle you intend to overtake is aware of your intention, keep at a safe but not excessive distance from the vehicle being overtaken and return to

the appropriate lane or side of the road as soon as practicable after overtaking. Do not cut in sharply in front of the vehicle you have just overtaken."

Dawn il-principji gew abbraccati fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Gasan Insurance Agency Limited nomine et Vs Jacqueline Galea et tal-21 ta' Gunju, 2002 (Citazz 171/96) li kkwotat b'approvazzjoni lil Charlesworth fit-test The Law of Negligence pages 78 – 79 second edition:

"The driver of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see that it is safe to do so ……… a driver should not overtake at a corner or bend ……… or at crossroads. In all cases, it is the duty of the person overtaking to overtake only when he can do so without causing danger to other traffic."

Illi inoltre, huwa principju iehor stabbilit illi f'materja simili, l-piz tal-prova ta' negligenza taqa' fuq is-sewwieq ta' l-*overtaking vehicle* kif risaput bil-kawza Borg Vs Ciantar deciza fid-9 ta' Novembru, 1968.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in dezamina jirrizulta illi l-attur innota li l-vettura tal-konvenut kienet miexja bil-mod u ried jissurpassaha izda meta kien ghadu hamsin pied 'il boghod, kien induna li din il-vettura kienet se tikser *to the right*. Kieku l-attur kien miexi bi *speed* aktar baxx, kien ikun hemm distanza sufficjenti ghalih biex jevita milli ssir kollizjoni, izda minhabba l-velocita' li kien ghaddej biha ta' sittin kilometru fis-siegha, ma kienx hemm distanza bizzejjed ghalih biex jieqaf, u b'rizultat ta' dan, ghalkemm huwa ntenta jiehu *evasive action* u anki ghafas il-*brake*, xorta wahda sehh il-kollizjoni. Il-partijiet ma qablux jekk il-post huwiex *built up area* jew le.
It-Tribunal jinnota illi fl-inhawi, cjoe' magenb Triq il-Missjoni Taljana, fin-naha minfejn kienu qed isuqu l-partijiet, hemm ghelieqi, mentri fin-naha l-ohra t-triq tmiss ma' Service Road. It-Tribunal ihoss illi fil-post fejn gara l-incident ma jistax jitqies bhala *built up area* u ghalhekk, ghalkemm l-attur kien qieghed *entro* l-limitu ta' l-i*speed* permess skond il-ligi, fic-cirkostanzi partikolari billi huwa

ried jaghmel manuvra ta' surpass kien missu qaghad aktar attent u saq b'velocita' aktar prudenti.

Illi inoltre ma jirrizultax li l-attur f'hinipprova jattira l-attenzjoni tal-konvenut dwar il-manuvra li kien bi hsiebu jintenta.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-attur ukoll ghandu jerfa' parti mir-responsabbilta' ghall-incident u dan fi grad ftit oghla minn dak tal-konvenut u b'hekk din qed tigi apporzjonata kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-attur u terz (1/3) ghall-konvenut.

<u>Quantum</u>

L-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti danni minnu subiti. Dawn bl-ebda mod ma gew ikkontestati u f'kull kaz jinsabu debitament approvati u korraborati bid-dokumenti li jinsabu esebiti fl-atti.

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100).

B'dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-kollizjoni fuq imsemmija grad b'responsabbilta' kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-attur u terz (1/3) ghall-konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) bl-interessi mill-20 t'April, 2004 (data tan-notifika ta' l-Avviz). L-ispejjez ikunu kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-attur u terz (1/3) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------